# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 18**

**Rikors numru 203/19/1 AF**

**Noel Xuereb**

**v.**

**Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Il-kawża titratta dwar ilment tal-attur li fil-kawża l-Pulizija v. Noel Xuereb et deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' April 2019, sofra ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq minħabba li l-kawża damet tnax-il sena sakemm ingħatat is-sentenza li biha l-attur ġie liberat mill-akkużi.

2. Il-fatti fil-qosor huma dawn:

i. Fil-31 ta' Jannar 2007 l-attur u persuna oħra tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kienu akkużati. Il-każ kellu x'jaqsam ma' proġett magħruf bħala *Integrated Health Information System Strategic Partnerhsip*, u li fir-rigward ta' liema saru diversi *expression of interests* u ntgħażlu tliet offerenti. Inqala' suspett li kienet ingħatat informazzjoni sensittiva lill-offerent preferut, u għalhekk sar rapport lill-pulizija u bdiet l-investigazzjoni sakemm tressaq il-qorti l-attur u persuna oħra. Dan wassal sabiex l-attur u persuna oħra tressqu l-qorti. L-attur kien akkużat li bħala uffiċjal pubbliku kien ħa interess privat f'aġġudikazzjoni ta' appalt, u akkużi oħra. Dakinhar il-Qorti tat il-ħelsien mill-arrest liż-żewġ imputati;

ii. Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma fadlilhiex provi.

iii. Kien fil-25 ta' Novembru 2011 li l-Avukat Ġenerali ppreżenta artikoli sabiex l-imputati jkunu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li nqraw fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012.

iv. Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2012 il-qorti, presjeduta minn Maġistrat differenti minn dik li kienet qiegħda tisma' l-każ

qabel, ordnat li l-partijiet jiltaqgħu u jaqblu dwar liema dokumenti kienu relevanti għal dawk il-proċeduri kriminali. Ordni li tat għaliex qalet li *".... l-proċess huwa wisq voluminuż tant illi mid-dehra ħafifa jidher ukoll illi jikkontjeni ħafna dokumenti li mhux relevanti"*;

v. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013 l-istess Qorti nkarigat avukat sabiex, *"... jorganizza l-file voluminuż li jikkonsisti f'almenu tnax (12) il-kaxxa u jikkomponih b'mod kondensibbli u ta' min jifhem u li wieħed ikun jista' jsegwi"*. Inkarigu sospiż fl-20 ta' Frar 2014 wara li l-uffiċjal prosekutur iddikjara li d-dokumenti kollha kienu rilevanti għall-każ tal-prosekuzzjoni. Min-naħa l-oħra d-difensur tal-attur talab żmien biex jeżamina d-dokumenti;

vi. Fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2015 il-kawża bdiet tinstema' minn maġistrat ieħor li astjeniet peress li kienet tat pariri dwar il-każ fiż-żmien li kienet taħdem fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Is-seduta ta' wara kienet tas-26 ta' April 2016;

vii. Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 tqajmet eċċezzjoni dwar l-inammissibilita` tal-istqarrijiet li kienu taw l-imputati. Kwistjoni deċiża fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2017;

viii. Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2017 xehed l-attur. Kompla jixhed fis-seduta ta' wara tat-13 ta' Ġunju 2017, tal-25 ta' Ottubru 2017 u tat-8 ta' Novembru 2017;

ix. Fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2019 ingħalaq il-ġbir tal-provi u fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2019 saret trattazzjoni finali;

x. Fl-1 ta' April 2019 ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha l-attur ma nstabx ħati. L-Avukat Ġenerali m'appellax mis-sentenza;

3. B'sentenza tat-13 ta' April 2021 l-ewwel Qorti iddeċidiet hekk:

> *"Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi t-trapass taz-zmien li l-proceduri istitwiti kontra r-rikorrent fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Noel Xuereb et", li gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' April 2019, hadu biex ikunu maghluqa u cioè trapass ta' tnax (12)-il sena, kien wiehed li jmur kontra l-principju ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*
>
> *Il-Qorti tilqa' t-tieni talba u takkorda kumpens ta' mitt elf ewro, liema kumpens ghandu jithallas mill-intimati in solidum bejniethom.*
>
> *L-istess intimati jhallsu ukoll l-ispejjez tal-kawza"*.

4. B'rikors preżentat fit-3 ta' Mejju 2021 il-konvenuti appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-aggravju jkun dwar il-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' €100,000.

5. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar il-meritu tal-każ kienu dawn:

> *"It-test ta' dewmien raġjonevoli ma jiddentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri kriminali għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina dak li jitqies raġjonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex*

*jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kienux raġjonevoli o meno.*

*Il-Qorti fliet l-iter processwali tal-kawza kriminali kontra r-rikorrenti fid-dawl tal-fuq riferiti principji u ssib illi fl-24 ta' Jannar 2007, ir-rikorrenti gie mixli b'korruzzjoni fl-iprocessar ta' tender pubbliku ghall-ghoti ta' kuntratt dwar is-sistema tal-informatika tal-isptar Mater Dei. Fil-31 ta' Jannar 2007 il-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha. Kien dakinhar ukoll illi nghata l-helsien mill-arrest. Il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha hames snin wara, fid-29 ta' Frar 2012, u gew moqrija l-Artikoli. Jirrizulta li mbaghad inbidel il-gudikant li hatar avukat sabiex jorganizza l-ammont ferm voluminuz ta' dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni. F'Mejju 2014 l-avukat hekk inkarigat irritorna l-process u b'hekk dan seta' jigi konsultat mid-difiza. L-ewwel differiment ghall-provi tad-difiza wara dan il-process kien fil-5 ta' Mejju 2015. Kienu ghaddew tlett snin biex jigu organizzati d-dokumenti. Jirrizulta li rega' nbidel il-gudikant wara l-irtirar tal-Magistrat precedenti. Il-gudikant astjeniet u l-kawza giet assenjata lill-gudikant (li finalment iddecidiha). Fid-19 ta' Ottubru 2016 giet eccepita l-inammissibilità tal-istqarrijiet tal-imputati u tal-intercettazzjonijiet telefonici. Digriet dwar dan inghata fid-29 ta' Marzu 2017. Effettivament ghalhekk il-provi tad-difiza tar-rikorrenti bdew jinstemghu fit-3 ta' Mejju 2017. Sitt xhur wara d-difiza ta' Noel Xuereb iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq u l-kawza thalliet ghall-provi tal-ko-akkuzat. Wara li tqajjmet il-possibilità tas-separazzjoni tal-gudizzju li giet sorvolata wara zewg differimenti ohra, tressqu l-provi tal-akkuzat. Il-kawza giet trattata fit-13 ta' Marzu 2019 u deciza xahar wara fl-1 ta' April 2019.*

*Il-Qorti tinnota li l-fatturi li kkontribwew ghad-dewmien kienu diversi. Tqis li l-ebda wahda ma hija b'xi mod attribwibbli lir-rikorrenti stess.*

*Il-kawza nnifisha ma tidhirx li kienet ta' komplessità straordinarja. Giet possibilment reza hekk minhabba l-volum esagerat ta' dokumenti li gew esibiti (tnax il-kaxxa) hafna minnhom bla htiega, tant li l-istess Qorti hasset il-htiega li tahtar avukat sabiex b'xi mod jorganizzahom. Il-Qorti tirreferi ghall-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2012 u r-referenza hemm ghal hafna dokumenti rrelevanti (kopja fol. 110 ta' dawn il-proceduri). Din il-hatra nnifisha issarfet f'aktar dewmien qabel ma setghu jibdew effettivament u ragonevolment il-provi tad-difiza. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mad-dikjarazzjoni tal-intimati li galadarba l-provi tal-prosekuzzjoni nghalqu fl-2012, id-dewmien kollu ta' wara kien tort tad-difiza.*

*Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-kawza ghaddiet minn idejn erba' gudikanti differenti sa ma giet deciza. Huwa fatt maghruf li kull darba li kawza tghaddi minn gudikant ghal iehor din rari tghaddi hekk wahedha izda tizdied "in bulk" ma xoghol iehor. Dan bilfors jirrizulta f'dewmien aktar sakemm il-gudikant il-gdid jiehu konjizzjoni tal-kawza hekk mghoddija lilu u wkoll sakemm tigi ri-organizzata l-iskeda tas-seduti.*

*............*

*Kienu tassew ftit mid-differimenti mitluba li kienu hekk mitluba mir-rikorrenti ghalkemm kien hemm uhud mitluba mill-ko-akkuzat. Minn dawk mitluba minn Xuereb ma tirrizulta ebda wahda li ma kienetx gustifikata.*

*Kif intqal proprju fil-każ ta' David Marinelli vs Avukat Ġenerali et, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Lulju 2008:*

> *"Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-libertà jew il-gieh tal-persuna jkunu in issue, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista' jaccetta certu dewmien, dan m'ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta' natura kriminali."*

*Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti hija sodisfatta li kien hemm dewmien irraġjonevoli sabiex ġew konklużi l-proċeduri b'mod illi ġie leż id-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif protett bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjonali u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*

***Rimedju***

*Bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet tiegħu, ir-rikorrrent qiegħed jitlob kumpens. Jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultattiv għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' f'xi każijiet isservi bħala rimedju. Minn naha l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens, dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali.*

*...........*

*Ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma partikolarissimi. Meta gie rinfaccjat bl-akkuzi, Noel Xuereb kien impjegat ma' MITTS, illum MITA, "seconded" mal-Ministeru tal-Gustizzja u IT. Kien inkarigat minn progetti kbar tal-informatika u kien jifforma parti mill-Evaluation Committee tas-sejha ghall-offerti tas-sistema tal-informatika tal-isptar dak iz-zmien gdid, Mater Dei. Meta gie akkuzat, spicca bla impieg u, minkejja l-hafna sforzi tieghu, baqa' ma jistax isib xoghol fl-informatika, dana peress illi l-kaz tieghu kien inghata hafna pubblicità. Dak iz-zmien kien ghadu kemm jizzewweg. Peress li waqa' f'dipressjoni irrizulta li dan wassal ghal sterilità u hu u martu baqghu bla wild biologiku u waslu biex kellhom jaddottaw. Wiehed jinnota li x-xhieda tar-rikorrenti u ta' martu ma giet kontrastata b'ebda mod, tant li la hu u lanqas martu ma gew sottoposti ghal kontro-ezami. Il-Qorti hija konvinta li l-hajja zaghzugha ta' din il-koppja iffaccjat trawmi u sfidi kbar u ta' dan jisthoqq kumpens xieraq, kumpens li ghandu jenfasizza*

*li fuq proceduri kriminali hemm imdendla hajja ta' familja u bhala tali l-istat ghandu jassigura l-prosekuzzjoni efficjenti ta' akkuza u l-ispeditezza ta' kull procedura.*

*Meta tiffissa l-kumpens xieraq f'dan il-kaz il-Qorti qeghda zzomm quddiemha wkoll l-ammonti ngenti ta' kumpens li l-Qorti Kostituzzjonali qeghda konsistentement takkorda f'kazijiet ta' lezjoni tad-drittijiet relatati ma' proprjetà. Tqis li dan il-kaz ma haqqux anqas. Ir-rikorrenti kellu wisq "at stake"".*

6. Fir-rikors tal-appell l-Avukat Ġenerali għamel referenza għal diversi sentenzi tal-qrati Maltin dwar kumpens li ġie likwidat għal dewmien mhux raġonevoli f'proċeduri ġudizzjarji (ara paragrafi 13 sa 16 tar-rikors tal-appell). Argumenta li l-attur ma ressaqx provi konkreti li kien ġarrab danni materjali, u qal li s-somma ta' €100,000 *"..... minħabba dewmien fi proċeduri kriminali huwa kumpens record għal pajjiżna li assolutament m'huwiex ġustifikat fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ"*. Kompla:

*"10. L-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta tefgħet ir-responsabbilta' kollha tad-dewmien fuq L-Istat jew il-Qrati. L-esponent mhux qed jikkontesta l-fatt li perjodu ta' tnax-il sena biex tiġi deċiża kawża għandu jitqies bħala perjodu ta' żmien eċċessiv pero' kellu jiġi rikonoxxut ukoll li f'dawn it-tnax-il sena mhux il-Qorti jew l-Istat biss naqas sabiex il-kawża timxi b'mod spedit. Kien hemm tkaxkir tas-saqajn anki min-naħa tal-appellat stess. Illi l-intimati jikkontestaw b'qawwa l-impressjoni li ingħatat li l-kawża kriminali in diżamina, ħadet ħafna żmien biex ġiet deċiża minħabba aġir min-naħa tal-prosekuzzjoni. Huwa ippruvat ukoll li l-kawża damet għal numru ta' snin konsiderevoli fi stadju ta' provi difiża u dan bejn id-29 ta' Frar 2012 (meta l-prosekuzzjoni iddikjarat li m'għandhiex iktar provi) u t-28 ta' Jannar 2019 (meta d-difiża iddikjarat li m'għandhiex iktar provi). L-ewwel Qorti donnu tefgħet ċerta responsabbilta' għad-dewmien fuq il-Qorti tal-Maġistrati għaliex ġie maħtur avukat biex jorganizza d-dokumenti voluminużi li ġew preżentati. Per' bid-dovut rispett dan ma jiġġustifikax il-fatt li l-appella dehrlu li kellu jibda bil-provi tiegħu biss fil-5 ta' Mejju 2015. Mela allura kien ir-rikorrent stess li ikkontribwixxa għad-dewmien liema dewmien kien prinċipalment imputabbli lill-appellat stess.*

*11. Huwa minnu li l-Qort setgħet poġġiet iktar pressjoni fuq il-partijiet sabiex jagħlqu l-provi kemm jista' jkun malajr, pero' f'dan il-kuntest il-Qrati ġeneralment jimxu b'ċerta kawtela qabel ma jimponu u*

> *jiddikjaraw l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq anke għaliex illum il-ġurnata facli ferm li persuna aggravata tiftaħ kawża kostituzzjonali minħabba allegat ksur tal-prinċipji li jsawru s-smigħ xieraq bħal ma huma l-equality of arms u l-audi alteram partem"*.

7. M'hemmx dubju li tnax-il sena biex tkun deċiża l-kawża kriminali li fiha l-attur kien parti, hu dewmien eżaġerat. L-appellanti stess fir-rikors tal-appell jaċċettaw li f'dan il-każ kien hemm dewmien mhux raġonevoli. Inoltre mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hu evidenti li l-każ ma kienx ta' natura tali li jiġġustifika dawk is-snin kollha sakemm ingħatat is-sentenza. Minn dik is-sentenza hu evidenti li l-każ tal-prosekuzzjoni kien mibni fuq suspetti li kellu Claudio Grech, li dak iż-żmien kien uffiċjal għoli tal-MITTS.

8. Il-verbali stess li hemm fl-atti huma l-aqwa prova tal-ħela ta' ħin li kien hemm kemm fl-istadju tal-kumpilazzjoni u wkoll fl-istadju meta l-kawża bdiet tinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dan hu każ ieħor li jikkonferma kemm il-proċedura ta' kumpilazzjoni ħafna drabi qiegħed iservi biex jitwal il-proċess kriminali bla bżonn. Madankollu sal-lum l-awtoritajiet għadhom qegħdin ikaxkru saqajhom biex jintroduċu emendi fil-Kodiċi Kriminali li jiżguraw li jitneħħa darba għal dejjem il-kontroll li għandha l-prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali f'dak l-istadju tal-proċess kriminali. Hu evidenti li l-liġi tal-proċedura attwali li tirregola l-kumpilazzjoni m'hijiex addattata għall-preżent u hemm bżonn emendi li filwaqt li jiżguraw li l-provi jiġu

kkonservati ma jippermettu lil ħadd milli jabbuża mill-proċess kriminali, u jagħtu lill-Qorti Istruttorja poter wiesa' li tieħu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn. Dan apparti li hu meħtieġ li l-uffiċjali prosekuturi jkunu ppreparati aħjar fil-mod kif iressqu l-provi.

9. Fil-każ in eżami l-Qorti tosserva:

i. Il-prosekuzzjoni damet mill-31 ta' Jannar 2007 sat-13 ta' Ottubru 2011 sabiex tressaq il-provi fil-kumpilazzjoni. Perjodu ta' ftit inqas minn ħames snin u li matulhom mill-verbali hu ċar kif il-provi inġabru bil-qatra l-qatra. Kien hemm diversi seduti li fihom ma sar xejn għaliex il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi għal raġuni jew oħra. Żgur li dan m'huwiex il-mod kif għandhom jinġabru l-provi wkoll fi stadju ta' kumpilazzjoni, madankollu f'dak l-istadju l-Qorti m'għandhiex l-awtorita` li tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni magħluqa. Ma jfissirx li m'hemmx mezzi oħra kif il-Qorti tpoġġi pressjoni fuq il-prosekuzzjoni biex ma tkaxkarx saqajha fil-ġbir tal-provi. L-argument tal-appellanti li sar quddiem l-ewwel Qorti hu li nstemgħu tmintax-il xhud tal-prosekuzzjoni. Dak in-numru żgur waħdu ma jiġġustifikax ħames snin sabiex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi tagħha. Mill-atti ma jirriżultax li x-xhieda tal-prosekuzzjoni kienu kollha xhieda li damu fuq

il-pedana tax-xhieda, diversi minnhom kienu uffiċjali tal-pulizija. Tant hu hekk li f'seduta waħda (2 ta' Frar, 2007) instemgħu xejn inqas minn seba' xhieda. Mill-verbali li hemm fl-atti jirriżulta li saru ċirka tlettax-il seduta li fihom instemgħu xhud jew iktar, iżda fl-istadju tal-kumpilazzjoni kien hemm iktar minn ħamsin seduta li fihom suppost tressqu provi. Każ klassiku ta' kif m'għandhomx isiru l-proċeduri.

ii. Għalkemm fil-25 ta' Novembru 2011 il-prosekuzzjoni ppreżentat l-artikoli sabiex il-każ tal-attur u l-ko-imputat l-ieħor ikompli jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kien biss fid-29 ta' Frar 2012 li nqraw l-artikoli u suppost beda l-istadju tal-provi tal-akkużati. F'dik is-seduta l-prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li ma kellhiex iktar provi.

iii. Wara s-seduta tad-29 ta' Frar 2012 ma nstemgħux provi sakemm fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2017 xehed l-attur. Perjodu ta' ħames snin oħra ta' tkaxkir tas-saqajn u telf ta' ħin. Matul dak iż-żmien kien hemm il-perjodu bejn:

- Is-16 ta' Mejju 2013 u 20 ta' Frar 2014 fejn ma sar xejn għaliex il-Qorti deherilha li kellha tinkariga avukat biex jorganizza dak li ddeskriviet bħala *'file voluminuż'*.
- Id-29 ta' Mejju 2014 u 9 ta' Ġunju 2015 l-attur ma ressaq l-ebda prova. Waqt it-trattazzjoni l-avukat tal-attur semma li l-amministrazzjoni kellha diffikulta` biex tagħtihom kopja tal-proċess. Mill-atti ma jirriżultax għalkemm kieku d-difiża riedet kien hemm mod ieħor kif tipprepara ruħha għall-istadju tal-provi tagħha.
- Is-6 ta' Ottubru 2015 u 26 ta' April 2016 meta irtira l-maġistrat li kien qiegħed jisma' l-kawża u ġiet assenjata lill-maġistrat oħra li astjeniet għaliex kienet tat pariri dwar il-każ fiż-żmien li kienet impjegata fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Kien għalhekk li l-kawża ġiet assenjata lill-maġistrat ieħor. Fid-19 ta' Ottubru 2016 ingħatat eċċezzjoni dwar l-ammissibilita` tal-istqarrijiet, materja deċiża fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2017.
- It-3 ta' Mejju 2017 beda jixhed l-attur u baqa' jixhed fis-seduti ta' wara sa dik tat-8 ta' Novembru 2017. L-attur xehed f'erba' seduti bejn l-eżami u l-kontro-eżami.
- Il-11 ta' Jannar 2018 u t-28 ta' Jannar 2019 ma nġabrux provi tal-akkużati għal raġunijiet differenti.

Per eżempju fis-seduti tal-11 ta' Jannar 2018, 28 ta' Frar 2018 u 10 ta' April 2018 l-akkużat l-ieħor ma ressaqx provi għaliex l-avukat riedet teżamina l-atti. Fis-seduti ta' wara l-akkużat l-ieħor ma ressaqx provi. Matul dan il-perjodu kien hemm ukoll seduti li fihom id-difensuri tal-akkużati talbu lill-Qorti sabiex tagħti differiment.

10. M'hemmx dubju li kulħadd ikkontribwixxa b'mod jew ieħor sabiex il-kawża titwal is-snin. Ovvjament kienet il-prosekuzzjoni li kienet il-kaġun prinċipali għal dan id-dewmien, għalkemm il-Qorti wkoll m'għenitx f'perjodi differenti per eżempju b'differimenti twal bejn seduta u oħra. Dan apparti li l-Qorti setgħet kieku riedet ħadet passi kontra l-uffiċjali prosekuturi fil-limitazzjonijiet li għandha ġialadarba m'għandhiex il-poter li tiddikjara magħluqa l-provi tal-prosekuzzjoni. Saħansitra kien hemm ukoll seduti meta l-Qorti lanqas ma kellha l-proċess għad-disposizzjoni tagħha għaliex ma ntbagħatx mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Kien hemm seduti oħra li fihom il-prosekuzzjoni ddikjarat li riedet iktar żmien biex tara xi provi fadlilha għaliex kellha xogħol ieħor jew li l-prosekuzzjoni kienet impenjata f'investigazzjonijiet (eżempju verbali tat-22 ta' Lulju 2008, 18 ta' Ġunju 2009, 29 ta' Lulju 2009), u li fihom infushom jagħtu indikazzjoni ta' kif isir dewmien bla bżonn. Saħansitra fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013 il-Qorti lmentat li kien qiegħed ikun hemm drabi meta l-

uffiċjali prosekuturi jsiefru u ma kienx qiegħed jattendi prosekutur ieħor biex ikomplu jinġabru l-provi. F'dan il-każ ukoll mill-verbali hu evidenti li l-prosekuzzjoni qabdet u ppreżentat kwantita` kbira ta' dokumenti (jissemmew 'kaxxi ta' dokumenti') mingħajr spjegazzjoni dwar x'kienu u kif kienu rilevanti għall-każ in eżami u li ma kinux organizzati.

11. Inoltre li l-proċess jintbagħat għand l-Avukat Ġenerali hi proċedura oħra li għandha tinbidel. Il-proċess għandu jibqa' l-qorti u mhux jintbagħat għand l-Avukat Ġenerali. Kien hemm ukoll il-perjodu li fih il-Qorti nkarigat avukat sabiex jorganizza l-*files* li l-prosekuzzjoni ressqet bħala prova, u eventwalment waqfet l-inkarigu. Perjodu li ma serva għal xejn ħlief għal iktar ħela ta' ħin apparti li dawk it-tip ta' nomini m'humiex kontemplati mil-liġi. Il-konklużjoni hi li dan hu każ klassiku li jħammar wiċċ l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u jkompli jikkonferma kemm hemm bżonn li llum qabel għada l-leġislatur ibiddel is-sistema attwali u fl-istadju tal-kumpilazzjoni jagħti iktar poter lill-Qorti biex il-kontroll dwar ġbir tal-provi jkun totalment f'idejn il-qorti u mhux regolat mill-pass, ħafna drabi, kajman tal-prosekuzzjoni.

12. Mill-istess verbali jirriżulta li kien hemm okkażjonijiet oħra għalkemm mhux ħafna li fihom xi ħadd mill-akkużati jew difensur tagħhom ma deherx u ma sar xejn, għalkemm m'hemmx prova jekk għal dik is-seduta l-prosekuzzjoni ħarrkitx xhieda. Madankollu dawk l-okkażjonijiet

għalkemm mhux ħafna, xorta kkontribwew biex il-proċeduri jdumu iktar minn żmien raġonevoli.

13. Id-difiża wkoll għandha dmir li ma tkunx kaġun ta' dewmien bla bżonn. Hekk per eżempju f'dan il-każ kien biss fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014 li d-difensur tal-attur iddikjara li jrid *'jeżamina l-kaxxi ta' dokumenti esebiti'*, meta dawk id-dokumenti kienu ilhom preżentati. L-istess ġara fl-20 ta' Novembru 2014 meta d-difensuri talbu differiment *"sabiex aktar jiffamiljarizaw ruħhom mal-proċess"*. Imbagħad fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2015 id-difensuri tal-akkużati talbu iktar żmien sabiex jeżaminaw il-proċess. Kien hemm ukoll każ fejn l-akkużati talbu differiment għaliex id-difensuri m'attendewx għas-seduta, jew sempliċement saret seduta biex kull ma sar kien li l-partijiet ftehmu li *".... l-ewwel għandhom jixhdu l-imputati, imbagħad wara jekk ikun opportun jsiru l-kontro-eżamijiet"* (26 ta' April 2016). Dan apparti li kien biss fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2017 meta xehed l-attur għall-ewwel darba, meta l-istadju tal-provi tiegħu kien ilu li beda. Fil-fatt fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012 inqraw l-artikoli u l-kawża tħalliet għas-seduta tal-14 ta' Mejju 2012 għall-provi tad-difiża. Dan kollu juri li l-akkużati wkoll b'xi mod jew ieħor ikkontribwew għad-dewmien.

14. Il-Qorti ma tistax tonqos ukoll milli tosserva li kien hemm atteġġament passiv tal-akkużati fil-kors tal-kawża kriminali. Mill-verbali

tas-seduti eżibiti fl-atti ma jirriżultax li qatt ilmentaw dwar it-tul ta' żmien u li l-klijenti tagħhom kienu qegħdin ibatu ħsara. Il-Qorti ma ratx verbal wieħed fejn id-difiża għamlet pressjoni fuq il-prosekuzzjoni biex tagħlaq il-ġbir tal-provi jew spjegat x'konsegwenzi kien qiegħed ikollu dak id-dewmien fuq il-ħajja ta' kuljum. Ovvjament dan ma jservix ta' ġustifikazzjoni għad-dewmien żejjed. Pero` min-naħa l-oħra s-silenzju u passivita' jagħti wieħed x'jifhem li d-difiża kienet qiegħda tittollera dak is-*system of conduct*. Għal dawk li huma provi tal-akkużati, xehdu biss l-attur filwaqt li l-akkużat l-ieħor ma xehedx u ressaq xhud wieħed biss u hawn ukoll ma jidhirx li l-akkużati kellhom wisq għaġla.

15. L-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' €100,000 bħala kumpens li għandu jitħallas l-attur u spjegat li l-kumpens li ser tillikwida *".... għandu jenfasizza li fuq proċeduri kriminali hemm imdendla ħajja ta' familja u bħala tali l-istat għandu jassigura l-prosekuzzjoni effiċjenti ta' akkuża u l-ispeditezza ta' kull proċedura"*.

16. L-ewwel Qorti għamlet ukoll referenza għal sentenzi li jagħtu kumpens *"f'każijiet ta' leżjoni tad-drittijiet relatati ma' proprjeta",* u qalet li dan il-każ ma ħaqqux anqas. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-paragun hu barra minn postu iktar u iktar meta tikkunsidra l-provi skarsi li ressaq l-attur u fejn il-kwistjonijiet huma differenti. Pero` fil-kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-proprjeta` l-ikbar kumpens li jiġi likwidat ikun dak pekunjarju.

17. Fis-sentenza appellata ma jingħadx espressament li s-somma ta' €100,000 tinkludi fiha kumpens pekunjarju. Li kieku kien hekk, il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti kienet tagħti spjegazzjoni ta' kif waslet biex tillikwida l-kumpens pekunjarju u ssemmi somma determinata kemm hu l-kumpens pekunjarju u somma oħra kemm hu l-kumpens non-pekunjarju. L-ewwel Qorti qalet:

> *".... hija konvinta li l-ħajja żagħżugħa ta' din il-koppja iffaċjat trawmi u sfidi kbar u ta' dan jistħoqq kumpens xieraq, kumpens li għandu jenfasizza li fuq proċeduri kriminali hemm imdendla ħajja ta' familja u bħala tali l-istat għandu jassigura l-prosekuzzjoni effiċjenti ta' akkuża u l-ispeditezza ta' kull proċedura".*

18. Dan fih innifsu jagħti lil din il-Qorti x'tifhem li l-ewwel Qorti llikwidat biss kumpens non-pekunjarju. Waqt it-trattazzjoni id-difensur tal-attur stess ikkonferma li m'hemmx dubju li s-somma li llikwidat l-ewwel Qorti tirreferi għall-kumpens mhux pekunjarju.

19. F'kull każ l-attur xehed b'affidavit twil nofs paġna li fil-fehma ta' din il-Qorti l-iktar parti relevanti għal-likwidazzjoni ta' kumpens hi din:

> *"Minħabba l-arrest u iktar tard il-proċeduri tal-Qorti u n-nuqqas ta' xogħol, jien waqajt f'dipressjoni. Minħabba din id-dipressjoni irriżulta li jien ma stajtx ikolli tfal għaliex l-isperm count tiegħi kienet baxxa ħafna minħabba l-inkwiet li jien kont għaddej minnu. Dan skont il-ginekoloġista Dr Isabelle Saliba.*
>
> *Minħabba f'hekk jiena u l-mara tiegħi ma kellna l-ebda triq oħra ħlief li naddottaw.*
>
> *.......*
>
> *Domt ħafna biex insib xogħol adegwat għalija. Pruvajt nerġa nidħol fis-settur tat-Teknoloġija Informatika imma kull fejn ippruvajt dejjem*

*sibt bieb magħluq. Applikajt madwar ħamsa u erbgħin darba iżda dejjem ġejt irrifjutat anke jekk kelli ħafna esperjenza u kwalifiki tajbin u dan għar-raġuni li b'sempliċi Google Search, għal dawn is-snin kollha, ismi kien imċappas b'allegazzjonijiet u proċeduri penali. Minħabba dan jiena spiċċajt kelli nfittex xogħol barra l-professjoni tiegħi".*

20. Martu Lorraine Xuereb ikkonfermat li għaddew minn żmien iebes u għal sentejn għexu mill-qligħ tagħha minn *part-time* u li nefqu bejn Lm45,000 u Lm50,000 sabiex addottaw tifla mir-Russja.

21. Hu veru li ma sarx kontro-eżami tal-attur u martu. Pero` b'daqshekk ma jfissirx li fin-nuqqas ta' provi oħra Qorti għandha tagħlaq għajnejha u taċċetta dak kollu li ngħad b'mod ferm konċiż mill-attur u martu. L-attur kellu jressaq iktar provi u iktar minn hekk l-aħjar provi. Il-Qorti tfakkar ukoll li din il-kawża hi dwar dewmien mhux raġonevoli u mhux talba għal xi kumpens minħabba li l-attur ġie liberat mill-akkużi.

22. F'kull każ il-Qorti tosserva li m'hemmx prova:

i. medika li minħabba d-dewmien l-attur kien qiegħed ibati minn *depression* li wasslet biex ikollu *sperm count* baxx u b'hekk kien hemm diffikulta` biex martu toħroġ tqila. Il-verżjoni tal-attur u martu m'humiex l-aħjar prova. L-aħjar prova kienet tkun dik ta' tobba u dokumenti mediċi. Dan apparti li f'kull każ lanqas m'hemm prova medika meta bdiet id-*depression* u kemm damet. Dan apparti li fl-ebda stadju

tal-proċeduri kriminali d-difiża ma għamlet xi allegazzjoni f'dak is-sens.

ii. dwar 45 applikazzjoni li l-attur qal li għamel għal xogħol alternattiv u rifjutati, u matul liema żmien saru. Lanqas m'hemm tagħrif ta' x'kien qiegħed jagħmel matul is-snin u xi qligħ kellu.

iii. meta saret l-addozzjoni u provi dokumentarji dwar l-ispiża ta' bejn Lm45,000 u Lm50,000 sabiex addottaw tifla. L-attur ma ppreżentax riċevuta waħda.

iv. ta' spejjeż li nkorra matul il-perjodu kemm damu pendenti l-proċeduri kriminali.  L-attur ma ppreżentax riċevuta waħda.

23. Mill-provi rriżulta li fil-25 ta' Jannr 2007 l-attur kien sospiż mix-xogħol minn mal-MITTS fejn kien jokkupa kariga għolja (fiż-żmien rilevanti kien qiegħed jagħmel xogħol ta' Core Project Manager mal-Ministeru fejn Claudio Grech kien il-kap tas-segretarjat, u liema xogħol kien dwar l-introduzzjoni ta' sistema tal-IT fl-isptar Mater Dei).  Pero` ma jirriżultax x'ġara f'dak ir-rigward.  Baqa' sospiż jew eventwalment irriżenja u fl-affermattiv meta?  Lanqas m'hu magħruf kemm dam sospiż u jekk qatt irċieva xi ħlas għal dak il-perjodu.  Fl-atti m'hemm tagħrif ta' xejn.

24. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tikkonkludi li l-attur ma ressaqx biżżejjed provi li jistgħu jwassluha biex tikkonkludi li hemm ness bejn l-għoti ta'

kumpens pekunjarju u d-dewmien tal-kawża kriminali. Għalhekk dak li hu dovut hu kumpens non-pekunjarju għad-dewmien mhux raġonevoli. F'sentenza riċenti[1] din il-Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-QEDB:

> *"Il-Qorti tagħmel referenza għal sentenzi li ngħataw mill-QEDB dwar kawżi Kriminali u l-kumpens li ordnat li jitħallas:*
>
> *i.* ***Bevs v. Ukraine*** *(7307/05) tat-18 ta' Settembru, 2009. Il-perjodu rilevanti hu mill-31 ta' Mejju, 2002 u kienu għadhom ma spiċċawx. Kumpens non-pekunjarju ta' €2,000;*
>
> *ii.* ***Galea and Pavia v. Malta*** *(77209/16; 77225/16) tal-11 ta' Frar, 2020. Il-perjodu rilevanti kien ta' sittax-il sena. Kumpens non-pekunjaru ta' €17,000 lil kull applikant, b'żieda mal-€5,000 li ngħata kull applikant mill-Qorti Kostituzzjonali;*
>
> *iii.* ***Kishazi and Others v. Hungary*** *(28814/19; 32428/19; 63432/19) tat-22 ta' Ottubru, 2020. Perjodu rilevanti fil-każ ta' Kishazi kien mill-15 ta' Ottubru, 2008 sad-29 ta' Novembru, 2018. Kumpens ta' €6,500 u li skont is-sentenza jkopri ".... pecuniary and non-pecuniary damage and costs and expenses per applicant";*
>
> *iv.* ***Delic v. Bosnia and Herzegovina*** *(59181/18) tat-2 ta' Marzu, 2021. Perjodu rilevanti kien mit-23 ta' Ottubru, 2012 sas-27 ta' Jannar, 2020. Kumpens non-pekunjarju ta' €1,800;*
>
> *v.* ***Lewandowski v. Poland*** *(29848/17) tat-18 ta' Marzu, 2021. Il-perjodu rilevanti kien mill-25 ta' Mejju, 2008 sal-11 ta' Ottubru, 2016. Kumpens non-pekunjarju ta' €2,600;*
>
> *vi.* ***Slawinski v. Poland (61039/16)*** *tal-15 ta' April, 2021. Il-perjodu rilevanti hu mis-26 ta' Frar, 2002 sas-17 ta' Marzu, 2016. Kumpens non-pekunjarju ta' €10,000 wara li Qorti Reġjonali kienet ordnat kumpens ta' €475 għad-dewmien żejjed;*
>
> *vii.* ***Pastukhov & Molokovshkylek v. Ukraine*** *(24072/20 u 24111/20) tad-29 ta' April, 2021. Il-perjodu rilevanti kien ta' iktar minn tnax-il sena. Kumpens ta' €4,200 lil kull applikant u li skont is-sentenza jkopri ".... pecuniary and non-pecuniary damage and costs and expenses per applicant";*

[1] Christopher Mazzitelli v. Avukat Ġenerali et tat-30 ta' Ġunju, 2021.

25. Hu veru li kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. M'hemmx dubju li d-dewmien żejjed f'kawża kriminali ta' din ix-xorta jġibu tbatija fuq l-imputat, bħal ansjeta`, nuqqas ta' ċertezza dwar x'ser jiġri fil-futur u wkoll sens ta' umiljazzjoni minħabba l-fatt innifsu li l-persuna tkun għaddejja minn proċeduri kriminali li fihom ikunu saru akkużi serji. Fil-kawża kriminali li wasslet għal din il-kawża l-attur kien akkużat fosthom li fil-kapaċita` tiegħu ta' uffiċjal pubbliku ħa interess privat f'aġġudikazzjoni, li fil-kapaċita` tiegħu ta' uffiċjali pubbliku, in konnessjoni mal-impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta xi rigal jew wegħda li ma kellux jedd għalihom, u fl-istess ħin bħala depożitarju ta' sigriet fdat lilu fil-kariga li kellu, kixef l-istess sigriet. Il-presunzjoni tal-innoċenza m'hijiex biżżejjed fil-ħajja ta' kuljum barra l-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja.

26. Hu fatt li ma teżisti l-ebda formula ta' kif qorti tillikwida il-kumpens non-pekunjarju u għalhekk kull Qorti għandha diskrezzjoni. Madankollu meta tqis dak kollu li ngħad il-Qorti m'għandhiex dubju li kumpens non-pekunjarju ta' mitt elf ewro (€100,000) hu eċċessiv u għalhekk ser tnaqqas l-ammont għal għoxrin elf ewro (€20,000) bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti (13 ta' April, 2021). Għalkemm is-somma mhijiex baxxa meta paragunata ma' sentenzi preċedenti ta' din l-istess qorti u wkoll sentenzi tal-QEDB, jibqa' l-fatt li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li għandha quddiemha. Il-messaġġ lil-leġislatur, l-Istat, lill-prosekuzzjoni, l-Avukat Ġenerali, u lill-qrati hu ċar; *time is of the*

*essence*. Min-naħa l-oħra min isib ruħu fil-posizzjoni tal-attur għandu fil-kors tal-proċeduri kriminali jilmenta għal kull tip ta' dewmien, ġej minn fejn ġej, u ma jaddottax atteġġament passiv bis-silenzju u jiżgura wkoll li ma jkunx ikkontribwixxa għad-dewmien.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-appellanti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-13 ta' April, 2021 billi tħassar dik il-parti tas-sentenza li llikwidat u kkundannat lill-intimati jħallsu lill-atturi kumpens fl-ammont ta' mitt elf ewro (€100,000) u minflok tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000). Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr